PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0147(CNS)

21.9.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja dwar ir-rijammissjoni
(COM(2007)0432 – C6-0300/2007 – 2007/0147(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Adina-Ioana Vălean

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehima bejn il-Komunità Ewropea u ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja dwar ir-rijammissjoni (COM(2007)0432 – C6-0300/2007 – 2007/0147(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0432)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 63(3)(b) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0300/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0000/2007),

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehima;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u ta' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja.

[1] ĠU C ... / Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Parlament Ewropew huwa kkonsultat dwar l-approvazzjoni tal-konklużjoni ta' żewġ ftehimiet b'kundizzjoni u paralleli b'mod reċiproku mal-Balkani tal-Punent: Ftehimiet għar-rijammissjoni ma' l-Ex Repubblika Jugożlava tal-Macedonja u tal-Montenegro, u ftehimiet ma' l-Ex Repubblika Jugożlava tal-Macedonja, tal-Montenegro u ta' l-Albanija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi għal żjajjar qosra (l-Albanija diġà kkonkludiet ftehima ta' rijammissjoni fl-2005).

Is-Samit UE-Balkani tal-Punent li seħħ f'Thessaloniki fil-21 ta' Ġunju 2003 jerġa' jafferma l-importanza għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li jikkonkludu ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viżi u għar-rijammissjoni biex ilaħħqu mal-kwistjonijiet ta' migrazzjoni illegali.

Ir-rapporteur jilqa' u juri l-importanza ta' dawn il-ftehimiet għall-Balkani tal-Punent li għandhom bżonn jitqiesu bħala pakkett li jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat; l-UE u dan ir-reġjun ta' importanza strateġika għall-UE, li jinkludi pajjiżi bi prospettiva għas-sħubija ma' l-UE (bil-Kroazja u l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja li ngħataw l-istatus ta' kandidati).

Il-konklużjoni ta' ftehimiet bħal dawn dwar il-faċilitazzjoni tal-viża trid titqies bħala pass importanti li jista' jħeġġeġ lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent biex jimplimentaw riformi relevanti u jsaħħaħ il-koperazzjoni tagħhom fil-livell reġjonali u ma' l-UE f'oqsma bħal ma huma t-tisħiħ fl-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-krimini organizzat u l-korruzzjoni, u ż-żieda tal-kapaċità amministrattiva tagħhom fir-rigward tal-kontroll tal-fruntieri u s-sigurtà tad-dokumenti billi jiġu introdotti l-identifikaturi bijometriċi.

Sistema ta' l-immigrazzjoni li taħdem sew tirrikjedi ftehimiet għar-rijammissjoni effettiva u l-ebda ftehima għall-faċilitazzjoni tal-viżi m'għandha tiġi konkluża jekk ma jkunx hemm ftehimiet għar-rijammissjoni fis-seħħ. Madankollu l-UE għandha wkoll tikkunsidra li tagħmel użu minn strumenti oħrajn biex tilħaq il-konklużjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehima għar-rijammissjoni eż. waħda relatata mal-politika ta' natura politika, ekonomika, kummerċjali jew ta' żvilupp.

Ir-rapporteur jilqa' l-fatt li l-KE tqis il-fatturi tal-JHA meta tiddeċiedi għandhiex tibda n-negozjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi ma' pajjiżi terzi bħal ma huma l-immaniġġjar tal-fruntieri, is-sigurtà tad-dokumenti, il-migrazzjoni u l-ażil, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-krimini organizzata u l-korruzzjoni. Fil-fatt, l-Albanija, il-Montenegro, l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, is-Serbja, il-Bożnja u Herzegovina kollha jaffaċċjaw sfidi speċifiċi f'dawn l-oqsma li għandhom bżonn approċċi differenzjati.

Madankollu r-rapporteur għadu jikkritika l-irwol limitat ħafna tal-Parlament Ewropew fil-konklużjoni ta' ftehimiet bħal dawn, li jibqa' fatt ta' dispjaċir għax iżid l-iżbilanċ demokratiku bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u ċ-ċittadini. Dawn il-kwistjonijiet għandhom implikazzjonijiet diretti għaċ-ċittadini ta' l-UE u sfortunatament il-PE mhuwiex informat fl-ebda stadju dwar il-bidu tan-negozjati u matul in-negozjati fir-rigward ta' l-impatt tar-rijammissjoni u l-ftehimiet għall-viżi u l-implikazzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet ta' l-ażil.

L-objettivi u l-qafas formali ta' dawn il-ftehimiet tal-Komunità għar-rijammissjoni

jiġġustifikaw li l-PE jrid ikun informat dwar l-impatt ta' l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri. Informazzjoni fir-rigward tan-numru ta' migranti li jirritornaw, in-nazzjonalità, l-istatus, il-perjodu medju ta' stennija bejn l-arrest, ir-rikjesta għar-rijammissjoni u t-trasferiment eċċ... hija bżonnjuża biex jitfassal rapport annwali li jrid jiġi ppreżentat lill-PE bil-għan li jsir dibattitu.

Mekkaniżmu ta' monitoraġġ u klawżola ta' sospensjoni jridu jiddaħħlu fil-ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viżi biex jippermettu li, meta trid, l-UE tkun tista' tissospendi l-applikazzjoni tal-ftehima fil-każ ta' diffikultajiet fir-rigward ta' l-implimentazzjoni jew żviluppi politiċi mhux mistennija.